MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 691/2011

**Dorienne Coleiro**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-20 ta’ Lulju 2011 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

Illi hija twieldet Bethlehem House, Nicol Bianchardi Street, Żabbar, fl-24 ta’ Frar 1977, u l-att tat-twelid tagħha ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta’ Malta fid-19 ta’ April 1977 bin-numru progressiv elf seba’ mija erbgħa u għoxrin (1724) kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok A;

Illi l-isem tal-esponenta ġie erronjament indikat fl-istess att ta' twelid bħala Dorienne u mhux Dorianne;

Illi l-esponenta trid illi ċ-ċertifikat tat-twelid tagħha jiġi korreġut f'dan is-sens;

Għaldaqstant l-esponenta titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid numru elf seba' mija erbgħa u għoxrin (1724) billi fit-"Tagħrif dwar it-Tarbija" l-ewwel isem "Dorienne" jiġi sostitwit bl-isem "Dorianne".

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, preżentata fit-23 ta' Awissu 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi *in linea* preliminari jingħad illi huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-esponenti ma jsibx oġġezzjoni għat-talba tar-rikorrenti b'dan illi l-esponenti m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-proċeduri istanti, tenut kont tal-fatt li fl-att tat-twelid numru 1724 tal-1977 kienet proprju omm ir-rikorrenti stess Carmela Coleiro li kienet għamlet d-dikjarazzjoni fl-imsemmi att u saħansitra kienet anke bil-firma tagħha wriet il-kunsens tagħha li l-informazzjoni li kien hemm kontenuta kienet waħda korretta;

Illi għaldaqstant, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'għandhux jiġi akkollat bl-ispejjeż tal-proċeduri istanti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavit tal-attriċi;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tat-18 ta' Novembru 2011 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

It-talba attriċi hija ġustifikata billi jirriżulta ċar li kien hemm żball fil-kitba. Pero' kif sewwa eċċepixxa l-konvenut huwa ma jaħtix għall-iżball u għalhekk huwa m'għandux jeħel spejjeż.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------